MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 268/2006

**A B**

**-vs-**

**C B D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenuta preżentat fl-4 ta' Lulju 2013 fejn hija talbet li l-ewwel talba fil-kawża proposta mill-attur u l-ewwel talba tal-kontro-talba proposta minnha jiġu konvertiti u meqjusa bħala talba għal divorzju skond l-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili;

Rat l-Artiklu 66B u 66F tal-Kodiċi Ċivili;

Rat illi l-attur ma ppreżentax risposta kif kien awtorizżat minkejja li kien debitament notifikat bid-digriet tat-12 ta' Lulju 2013;

Illi ma hemmx dubju illi r-rekwiżiti skond l-Artikolu 66F imsemmi jirrikorru kollha mill-atti stess tal-kawża;

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant, il-Qorti tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors imsemmi u tordna li kemm it-talba tal-attur kif ukoll dik tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha għall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet jitqiesu bħala talba għal divorzju skond l-Artikolu 66F fuq imsemmi.**

**Spejjeż ta' din is-sentenza jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------